Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 30 ta' April 2018**
**(OR. en)**

**8411/18**
**ADD 2**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0105 (COD)**

**ENFOPOL 190**
**JAI 343**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 18 ta' April 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | SWD(2018) 115 final |
| Suġġett: | DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/JHA |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2018) 115 final.

---

Mehmuż: SWD(2018) 115 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 17.4.2018
SWD(2018) 115 final

# DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

# SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kiminali u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/JHA**

{COM(2018) 213 final} - {SWD(2018) 114 final}

MT MT

**Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv**

Valutazzjoni tal-impatt dwar il-faċilitazzjoni tal-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali.

**A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni**

**Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?**

Il-gruppi kriminali u t-terroristi ħafna drabi joperaw f'diversi Stati Membri u l-assi tagħhom, inkluż il-kontijiet bankarji, normalment jinsabu fl-UE jew barra minnha. L-attivitajiet finanzjarji tagħhom jistgħu jħallu rekord ta' informazzjoni fi Stati Membri oħra li jistgħu jkunu importanti mmens għall-investigaturi. In-nuqqas ta' aċċess jew l-aċċess tardiv għal informazzjoni finanzjarja u l-informazzjoni dwar il-kont bankarju jxekkel l-identifikazzjoni ta' flussi finanzjarji li jirriżultaw minn attività kriminali. Ir-rikavati minn attività kriminali jistgħu jibqgħu mistura jew ma jkunux jistgħu jiġu ffriżati. Barra minn hekk, l-Unitajiet ta' Intelligence Finanzjarja (UIF) jaffaċċjaw ostakli fil-kooperazzjoni ta' bejniethom, kif ukoll fl-aċċess għal informazzjoni tal-eżekuzzjoni tal-liġi li hija rilevanti fit-twettiq tal-kompiti tagħhom skont ir-Raba' Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus UE(2015)849 (4AMLD).

**X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?**

Din l-inizjattiva għandha l-għan li żżid is-sigurtà fl-Istati Membri tal-UE u madwar l-Ewropa permezz ta' titjib fl-aċċess għall-informazzjoni finanzjarja, inkluż l-informazzjoni dwar kontijiet bankarji għall-awtoritajiet u korpi kompetenti u l-korpi responsabbli għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' forom serji ta' delitti, li jtejjeb il-kapaċità tagħhom li jwettqu investigazzjonijiet u analiżi, u jtejbu l-kooperazzjoni. Barra minn hekk, l-inizjattiva għandha l-għan li ttejjeb il-kapaċità tal-UIF biex iwettqu l-kompiti tagħhom skont ir-Raba' Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus.

**X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?**

L-azzjoni tal-UE tipprovdi approċċ armonizzat li jiffaċilita l-aċċess tal-awtoritajiet u l-korpi kompetenti għall-informazzjoni finanzjarja biex jiġġieldu l-kriminalità serja kif ukoll biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-UIF fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, ir-reati relattivi u l-finanzjament tat-terroriżmu. Minħabba d-dimensjoni transfruntiera ta' dawn ir-reati, u l-bżonn tal-awtoritajiet kompetenti għal aċċess iktar rapidu għall-informazzjoni għall-analiżi u l-investigazzjonijiet tagħhom u biex jikkooperaw b'mod aktar effettiv u effiċjenti kemm fil-livell nazzjonali u dak transfruntier, tenħtieġ azzjoni fuq livell tal-UE biex tiffaċilita kooperazzjoni bla xkiel bejn l-awtoritajiet u tippermettilhom l-aċċess u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti.

**B. Soluzzjonijiet**

**X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?**

Ġew ikkunsidrati **Għażla mhux leġiżlattiva ta' politika O** u **13-il għażla leġiżlattiva ta' politika** u miġbura fi:

- **Blokk A: "GĦALIEX"** jenħtieġ li jkollhom aċċess għal jew jiskambjaw informazzjoni finanzjarja l-awtoritajiet kompetenti?

**Għażla A.1:** biex jipprevjenu u jiġġieldu l-ħasil tal-flus, ir-reati relattivi u l-finanzjament tat-terroriżmu biss.
**Għażla A.2:** fir-rigward biss tal-"Eurocrimes" previsti mill-Artikolu 83(1) TFUE.
**Għażla A.3:** fir-rigward tal-forom ta' reati kif stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament dwar il-Europol.

- **Blokk B: "KIF"** jenħtieġ li jaċċessaw u jiskambjaw l-informazzjoni finanzjarja l-awtoritajiet kompetenti?

**GĦAŻLA B.1**: jingħata aċċess għar-reġistri nazzjonali ċentralizzati tal-kontijiet bankarji lill-awtoritajiet kompetenti skont 1) is-**Subgħażla B.1.a**: aċċess dirett; jew 2) is-**Subgħażla B.1.b**: aċċess indirett.
**GĦAŻLA B.2**: jingħata aċċess għall-informazzjoni finanzjarja kollha lill-awtoritajiet kompetenti skont 1) is-**Subgħażla B.2.a**: aċċess dirett; jew 2) is-**Subgħażla B.2.b**: permezz tal-UIF.
**GĦAŻLA B.3**: hemm il-possibiltà ta' miżuri għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-UIF u sabiex l-UIF ikunu jistgħu jaċċessaw u jiskambjaw l-informazzjoni li għandhom l-awtoritajiet kompetenti skont 1) is-**Subgħażla B.3.a**: kooperazzjoni diretta bejn l-UIF; jew 2) is-**Subgħażla B.3.b**: it-twaqqif ta' UIF ċentrali.

- **Blokk C: "MIN",** il-kundizzjonijiet għal liema awtoritajiet pubbliċi japplikaw?

**Għażla C.1:** għall-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali
**Għażla C.2:** għall-awtoritajiet pubbliċi fis-Sub-għażla C.1. u addizzjonalment 1) is-**Subgħażla C.2.a**. l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi 2) is-**Subgħażla C.2.b**: il-Europol; 3) is-**Subgħażla C.2.c**: l-OLAF
Fir-rigward tal-**aċċess tal-awtoritajiet kompetenti għall-informazzjoni, miżmuma fir-reġistri tal-kontijiet tal-bank**, l-**għażla ta' politika ppreferuta** hija taħlita tal-għażliet **A.3, B.1.a, C.2.a** u **C.2.b.**
Fir-rigward tal-**aċċess tal-awtoritajiet kompetenti għall-informazzjoni finanzjarja addizzjonali**, l-**għażla ta' politika ppreferuta** hija taħlita tal-għażliet **A.3, B.2.b** u **C.2.b.**
Sabiex jiġu **indirizzati ostakli fil-kooperazzjoni transfruntiera tal-UIF u d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom l-UIF meta jikkooperaw mal-isħab LEA (awtorità tal-infurzar tal-liġi) nazzjonali tagħhom** l-għażla ta' politika ppreferuta hija taħlita tal-għażliet **A.1**, **B.2.b, B.3.a** u **C.2.b.**

| **Min jappoġġa l-għażla ppreferuta?** |
|---|
| Il-partijiet ikkonċernati qablu li l-aċċess għar-reġistri ċentralizzati tal-kontijiet tal-bank jiffaċilitaw l-effikaċja tal-investigazzjonijiet tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u jevitaw l-ispejjeż u l-piż amministrattiv ta' talbiet mhux speċifiċi lill-banek. Il-parti l-kbira ta' dawk li wieġbu fil-konsultazzjoni pubblika qablu li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw aċċess, inklużi l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi. L-Istati Membri jaqblu li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-UIF u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-UIF u l-awtoritajiet kompetenti. Fi stħarriġ reċenti tal-Ewrobarometru 92 % ta' dawk li wieġbu jaqblu li jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jaqsmu l-informazzjoni mal-awtoritajiet fi Stati Membri oħra sabiex jipprevjenu u jiġġieldu aħjar il-kriminalità u t-terroriżmu. |
| **C. Impatti tal-għażla ppreferuta** |
| **X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?** |
| L-għażla ppreferuta hija mistennija li tipprovdi mezzi aħjar biex tissaħħaħ is-sigurtà u tiġġieled il-kriminalità fl-UE. Hija tipprovdi aċċess aktar mgħaġġel għall-informazzjoni finanzjarja indikata b'mod ċar u kooperazzjoni aktar effettiva u effiċjenti bejn l-UIF u l-awtoritajiet kompetenti. Issaħħaħ ukoll il-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti, inkluż l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi u l-Europol biex jaċċessaw malajr informazzjoni finanzjarja ewlenija li tkun kruċjali għal investigazzjonijiet finanzjarji. L-għażla ppreferuta ttejjeb sostanzjalment ukoll l-kapaċità tal-UIF li jwettaq analiżi finanzjarja biex jipprevjeni l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. L-għażla ppreferuta żżid l-ispejjeż u l-piż amministrattiv marbut mat-talba u t-tweġiba għal rikjesti "ġenerali" u mhux speċifikati. |
| **X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?** |
| L-ispejjeż ta' darba tal-implimentazzjoni tal-għażla ppreferuta li tipprovdi aċċess dirett għal reġistri ċentralizzati tal-kontijiet tal-bank u s-sistemi għall-irkupru tad-dejta huma stmati għal bejn EUR 5 000 u EUR 30 000 (dawn jridu jkunu mmultiplikati bin-numru ta' awtoritajiet li jridu jiġu kkonnessi għar-reġistri ċentralizzati tal-kontijiet tal-bank u s-sistemi għall-irkupru tad-dejta). L-ispejjeż ta' aċċess għall-informazzjoni finanzjarja permezz tal-UIF iridu jitħallsu prinċipalment mill-UIF. |
| **Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?** |
| Mhumiex previsti spejjeż addizzjonali għas-settur bankarju. Bil-maqlub, din l-inizjattiva twassal għal iffrankar finanzjarju sinifikanti għall-banek, għaliex ma jkollhomx għalfejn jipproċessaw u jwieġbu t-talbiet ġenerali tal- |

| |
|---|
| awtoritajiet kompetenti. Mhuma mistennija l-ebda impatti sinifikanti fuq l-SMEs u l-mikrointrapriżi. |
| **Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?** |
| L-ispejjeż tal-implimentazzjoni tal-aċċess dirett għar-reġistri ċentralizzati tal-kontijiet tal-bank u s-sistemi għall-irkupru tad-dejta u tal-aċċess għall-informazzjoni finanzjarja permezz tal-UIF se jkollhom impatt fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Madankollu, jenħtieġ li dawn l-ispejjeż jiġu bbilanċjati minn tnaqqis fl-i spejjeż amministrattivi u finanzjarji attwali tal-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll minn tnaqqis fl-ispejjeż minħabba kooperazzjoni iktar effiċjenti bejn l-UIF u mal-awtoritajiet kompetenti. |
| **Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?** |
| Il-miżuri proposti se jkollhom impatt fuq id-drittijiet fundamentali; l-indħil fuq id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali ikun minimu, peress li l-aċċess huwa limitat u huwa maħsub biss għall-awtoritajiet rilevanti, u b'hekk ikun hemm il-proporzjonalità. Se jingħata aċċess dirett għas-CBAR/DRS billi fihom informazzjoni limitata. L-aċċess għal tipi oħrajn ta' informazzjoni finanzjarja se jkun possibbli permezz tal-UIF. L-għażliet ippreferuti ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet, u huma vvalutati bħala l-istrumenti leġiżlattivi l-inqas intrużivi fuq livell Ewropew, b'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Proposta legali futura ma taffettwa l-ebda salvagwardji proċedurali kif stabbiliti fil-liġi nazzjonali, anzi tipprovdi salvagwardji stretti, li iktar jimminimizzaw kull impatt negattiv fuq id-drittijiet fundamentali. |
| **D. Segwitu** |
| **Meta se tiġi rieżaminata l-politika?** |
| Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni effettiva tal-istrumenti leġiżlattivi proposti u, abbażi tal-konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati, se tevalwa r-riżultati tagħhom meta mqabbla mal-għanijiet tagħhom u l-problemi li għandhom jiġu indirizzati fi żmien tliet snin wara l-adozzjoni tal-miżuri proposti. |